MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 480/2011

**Lighthouse Communications Ltd (C-21425)**
**V**
**Market Handle Limited (C-49546)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob is-somma ta' elfejn, mitejn u sitt ewro u sittin centezmu (€2,206.60) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtija lis-soocjeta' konvenuta fuq ordnjiet taghha stess u li baqa' ma thallasx; minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti; qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi; bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu 2011 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuta li giet ipprezentata fil-10 t' April, 2012 fejn is-socjeta' konvenuta eccepixxiet illi t-talba

tas-socjeta’ attrici ghandha tigi michuda u dana stante li mhux minnu li s-socjeta’ attrici rrendiet xi servizzi lis-socjeta’ intimata; illi inoltre, s-socjeta’ intimata ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Ra l-affidavit ta’ Simon Attard, impjegat tas-socjeta’ attrici, u sema’ x-xhieda ta’ Roderick Muscat Monsignor;
Ra d-dokumenti w l-atti kollha tal-process;
Ra l-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Din it-talba tittratta talba ghall-hlas ghas-servizzi mghotija lis-socjeta’ konvenuta li qed tichad li dawn is-servizzi qatt saru.

Illi mill-provi jirrizulta li Melody Attard li kienet impjegata tas-socjeta konveuta iffirmat *booking order* (ara il-*booking order*, Dok X1, a folio 36 tal-process ). Dan il-*booking order* kien ghall-pubblikazzjoni tar-riklami ta’ klijenti tas-socjeta’ konvenuta (maghrufa bhala il-Qronfla) f’zewg hargiet ta’ publikkazzjoni tal- *Bargain Magazine* fix-xahar ta’ Novembru ghall-prezz totali ta’ hames t’elef mija tnejn u disghin ewro (€5,192). Illi l-ftehim kien car u s-socjeta’ attrici kellha tohrog il-fattura lis-socjeta’ konvenuta ghaliex huwa prassi li jaghmlu hekk. Illi sussegwentement kienu hargu fattura 2003 ghas-somma ta’ elfejn mitejn u sitt ewro u sittin centezmu (€2,206.60), inkluz il-V.A.T. u bi skont ta’ tliet mija u tletin ewro (€330), ghall-harga wahda biss f’ Novembru 2010 (Ara Dok X2, a folio 37 tal-process). Illi s-socjeta konvenuta harget cekk bhala hlas akkont fis-somma ta’ hames mitt ewro (€500) li pero dan gie ritornat lura bil-kliem *refer to drawer* (ara Dok X3). Ir-riklam gie ppublikat (ara Dok X4).

Illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm ikkontestat din it-talba ghaliex, skont hi, ma kienx minnu li s-servizzi gew rezi, ma pprezentatx ebda prova biex isostnu d-difiza taghha u dan minkejja li saru diversi seduti.

Illi ghalhekk galadarba ma tressaq ebda prova ohra, t-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh fuq il-provi li tressqu mis-socjeta’ attrici. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss li t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn mitejn u sitt ewro u sittin centezmu (€2,206.60) u jichad l-eccezjoni tas-socjeta' konvenuta u dan bl-ispejjez kollha inkluzi fl-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------